**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 369 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Annabelle Darmanin**
**Pierre Darmanin**

Illum 16 ta' Dicembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Annabelle Darmanin, ta' sitta u erbghin (46) sena, bint Andrew Zerafa u Carmela nee' Farrugia imwielda Pieta fl-10 ta' Dicembru 1974 u li toqghod 'Solaris', Triq Dun Nard Mallia, Zurrieq, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 47175 M u lil Pierre Darmanin ta' erbgha u erbghin (44) sena iben Francis Xavier u Maria Dolores nee' Zammit imwieled San Giljan fit-30 ta' Settembru 1976 u li joqghod Solaris, Triq Dun, Nard Mallia, Zurrieq detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 254077 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol gew akkuzati talli fil-kapacita' taghhom personali u/jew bhala Diretturi ta' Micmar Properties Limited u persuni li ghalihom qieghed isir xoghol fis sit sitwat fi Triq Spinola, San Giljan nhar 1-24 ta' Jannar 2019 matul il gurnata u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel naqsu milli bhalma huwa fid-dmir tal-klijent li jzommu files dwar sahha u sigurta' mhejjijin li jkollhom kull informazzjoni ohra rilevanti dwar is-sahha u s-sigurta' u li jqeghduh ghad-disposizzjoni ta' kull min ikun jrid jispezzjonhom u li jkun jinhtieg informazzjoni mill-file sabiex ihares kull obbligazzjoni li tohrog mil-ligi u dan ai termini ta' Art. 3 (2) ta' A. L. 88/2018.

2. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' taghhom ta' project supervisors naqsu milli jiehdu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' Art. 6 ta' A. L. 88/2018.

3. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' taghhom ta' project supervisors naqsu milli jaraw li fil-kaz ta' sit ta' kostruzzjoni fuq liema xoghol huwa ppjanat li jdum aktar minn 30 jum tax-xoghol u fuq liema aktar minn 20 haddiem jahdmu simultanjament, jew li l-volum tax-xoghol huwa skedat li jeccedi 1-500 person-days, is-supervisor tal-progett ghandu jikkomunika notifika lill-Awtorita' mill-inqas erbgha gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol fuq il-progett. La darba tibda kull attivita' ta' xoghol fuq il-progett, kopja tal-avviz min qabel ghandha tkun murija b' mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk necessarju, tkun aggornata perjodikament u dan ai termini ta' Art. 5 (3) , ta' l-A. L. 88/2018.

4. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita taghhom ta' supervisors tal-progett naqsu milli jiehdu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol billi naqsu milli jfasslu pjan tas sahha u sigurta qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' At. 5 (4) (a) ta' A.L. 88/2018.

5. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' taghhom ta' project supervisors naqsu milli jikkordinaw l-implimentazzjoni tad disposizzjonijiet rilevanti ta' A.L. 88/2018 sabiex jassiguraw li min jimpjega u jekk mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiema, persuni impjegati ghal rashom japplikaw il-principji relevanti f' manjiera konsistenti u meta mehtieg, isegwu l-pjan tas-sahha u sigurta' u dan ai termini ta' Art. 5 (4) (d) ta' A.L. 88/2018.

6. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' taghhom ta' project supervisors naqsu milli jorganizzaw il-koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inkluzi kuntratturi successivi fuq l-istess sit, il-koordinazzjoni tal attivitajiet taghhom bil-ghan li jipprotegu lill-haddiema u jipprevjenu incidenti u perikli ghas-sahha fuq ix-xoghol u l-informazzjoni reciproka u jizguraw li persuni impjegati ghal rashom huma inkluzi f' dan il-process fejn mehtieg u dan ai termini ta' Art. 5 (4) (f) ta' A.L. 88/2018

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 3 (2) , 6 u 5 tal-Avviz Legali 88/18 sabet liz-zewgt imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghhom u fic-cirkostanzi ikkundannat lil Pierre Darmanin ghall-multa ta' elfejn Euro (Euro2,000) u lil Annabelle Darmanin ghall-multa ta' elf u hames mitt Euro (Euro1,500) .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Annabelle u Pierre Darmanin, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-18 t' Ottubru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha **THASSAR, TIRREVOKA u TIKKANCELLA** s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Annabelle Darmanin u Pierre Darmanin** u konsegwentement TILLIBERAHOM minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. L-appellanti huma tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha meta sabithom hatja tal- imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

2. Illi x-xhieda imressqa mill-Awtorita hija, bid-dovut rispett lejha, mankanti. L-ewwel qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha qalet illi *"hekk kif jixhed il-kuntratt anness mal-affidavit ta' Clinton Cachia, is-sit in kwistjoni huwa proprjeta ta' Micmar Properties Ltd u dan in solidum ma kumpanija ohra"*. Is-sit in kwistjoni, fejn saret l-ispezzjoni, skont ma xehed Clinton Cachia kien dak bin-numri 84, 85 u 86, Triq Spinola, San Giljan. Dan gie rikonoxxut mill-qorti ta' prim' istanza ukoll. PERO, l-kuntratt anness mal-affidavit ta' Clinton Cachia, dak datat 18 ta' Jannar, 2017 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat jirreferi ghal fond **87**, Triq Spinola, San Giljan. Dan ifisser li l-Awtorita naqset milli taghmel prova importanti u cioe lil minn jappartjenu l-fondi 84, 85 u 86, Triq Spinola, San Giljan. Ghalhekk, bid-dovut rispett lejn l-ewwel qorti, hija ma setghetx, legalment, tasal ghal konkluzjoni li l-proprjeta 84, 85 u 86, Triq Spinola, San Giljan tappartjeni ghal kumpanija li fiha l-appellanti huma diretturi u azzjonisti l-ghaliex il-kuntratt li esebixxa r-rapprezentant tal-Awtorita jirreferi ghal proprjeta ohra.

3. Dan iwassal ghal konsegwenza li l-konsiderazzjonijiet tal-qorti ta' prim' istanza l-ohra li saru wara dan il-punt ma kienux korretti l-ghaliex kienu kollha ibbazati fuq il-fatt li *"hekk kif jixhed il-kuntratt anness mal-affidavit ta' Clinton Cachia, is-sit in kwistjoni huwa proprjeta ta' Micmar Properties Ltd u dan in solidum ma kumpanija ohra"*. Prova lil minn jappartjenu l-fondi 84, 85 u 86, Triq Spinola, San Giljan ma hemmx.

4. L-uniku darba li jissemmew dawn il-fondi, apparti fl-affidavit ta' Clinton Cachia, rapprezentant tal-Awtorita, huwa fil-Construction Notification Form li l-validita tieghu gie kkontestat quddiem l-ewwel qorti. Ibda biex mhux id-dokument kollu li gie ezebiet minn Clinton Cachia wasal ghand l-Awtorita fid-

data indikata minnu u cioe "*Infatti jien ircevejt in-notifika fl-istess gurnata bejn wiehed u iehor saghtejn wara l-intervent fuq il-post*". Irrizulta mix-xhieda ta' John Azzopardi li l-ewwel baghat dan id-dokument dak-in-nhar li saret l-ispezzjoni fil-fondi 84, 85 u 86, Triq Spinola, San Giljan b' zewg firem, imbaghad l-ghada baghat parti min dan id-dokument bi tlett firem. Dwar dan il-fatt ma inghad xejn fix-xhieda ta' Clinton Cachia. B' dan il-kunflitt car l-ewwel qorti ma setghetx, jghidu l-appellanti tistrieh fuq dan id-dokument. Ukoll, l-ewwel qorti qalet illi "*il-kontestazzjoni tad-difiza dwar il-validita o meno tad-dokument DS5 fid-dawl tax-xhieda ta' John Azzopardi ma tbiddel xejn mill-fatt li fid-data u l-hin tal-ispezzjoni ma kienx ghadu tqabbad project manager u ghaldaqstant huma assumew dak l-irwol fit-termini tal-ligi*". Pero ta' liema proprjeta? L-ghaliex prova ta' min hi l-proprjeta 84, 85 u 86, Triq Spinola ma hemmx. L-ahjar prova ta' minn tappartjeni din il-proprjeta 84, 85 u 86 zgur li ma hijiex il-Construction Notification Form u lanqas ma hija x-xhieda ta' Clinton Cachia li skont il-kuntratt li esebixxa huwa stess, l-kumpanija tal-appellanti hija wahda mill-proprjetarji tal-fond 87, Triq Spinola, San Giljan.

5. Illi ghalhekk, l-appellanti huma tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni hekk kif trid u timponi l-ligi.

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2021.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel aggravju l-appellanti isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta'

appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[1] [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed[6].

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[2] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989.
[3] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[4] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991

[5] ([1969] 1 QB 276
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7], deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod *"safe and satisfactory"* ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat u tal-provi prodotti lil Qorti b'referenza ghal kawza in kwistjoni.

---

7

**Clinton Cachia** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit u halef il-kontenut ta' l-istess nhar il-31 ta' Awwissu 2021.[8] Dan spjega li nhar l-24 ta' Jannar 2019 ghall-habta tal-11.45 ghamel spezzjoni fin-numru tal-fondi 84, 85 u 86 fi Triq Spinola San Giljan wara li l-OHSA rceviet ilment minghand terza persuna (ara Dok A).

Appena wasal fuq il-post ipreserva sit ta' kostruzzjoni fejn kienet qed tigi mwaqqa dar. Fil-hin ta l-ispezzjoni, sab hames haddiema kollha taljani li kienu qed jghamlu xoghol ta' twaqqiegh (ara Dok B ritratt nurmu 2). Dawn qalulu li kienu jahdmu ma Brick Concepts Limited (Co reg C 81950) infatti dak il-hin cempel lil Paul Attard u huma identifikaw bhala l-persuna li jiehdu hsieb ix-xogholijiet.

Il-hames haddiema kienu Francesco De Pasqule (ID card numru mhux mgharuf), Franco Buccheri (karta ta' identita' numru CA 69867CX), Emanuele di Liberto (numru tal-karta ta' identita mhux mgharufa) Salvatore Bonnici (detentur tal-karta ta' identita Ingliza numru 180955N), Franco Amato detentur tal-karta ta' identita mhux mgharufa.

Jghid li fuq il-post osserva numru ta' nuqqasijiet kollha relatati ma riskji ta' waqghat mill-gholi.

Kif dahal fil-post seta josserva li partijiet mill-art kienet giet imwaqqa u ma kienx hemm ebda forma ta' lqugh biex tipprevjeni persuna li taqa' fis-sular ta' taht (ara dok B ritratt nuru 3). Innota ukoll li f'dawn il-blokok, kien hemm tavluni tal-injam pogguti fuq it-travi tal-hadid (ara Dok B ritratti 4,5,6). Kien hemm ukoll tarag li qed jintuza biex jigi accessat il-bejt minghajr ebda forma ta' lqugh (ara Dok B ritratt numru 1).

Fil-hin tal-ispezzjoni gie mitkellem fuq it-telefown Paul Attard li identifika lilu innifsu bhala l-general manager tal-kumpanija Brick Concepts Limited u inharget ordni

[8] Dok DS1 .

verbali biex jieqa fix-xoghol produttiv u jibdew jsiru xoghlijiet rimedjali sabiex is-sit jkun sigur.

Minn ricerka li ghamel irrizulta li l-proprjeta hi ta' zewg kumpaniji, Micmar Properties Limited (C Reg No C 60011) u JP & A Properties Limited (C Reg C 13483 kif jirrizulta mill-kuntratt ta' l-art (ara Dok E).

Mill-istess ricerka li ghamel irrizulta ukoll il-klijent tal-progett;

1. Ma kienux appuntaw 'Project Supervisor"
2. Naqsu li jinnotifikaw lil OHSA bl-izvilupp erbgha gimghat qabel.
3. Ma kienx sar pjan ta' Sahha u Sigurta.
4. Infatti huwa rcieva in-notifika fl-istess gurnata bejn wiehed u iehor saghtejn wara l-intervent fuq il-post. Fin-notifika jirrizulta li l 'Project Supervisor' kien appuntat biex jieu hsieb dan l-izvilupp dakinhar stess.

Sussegwentement fit-28 ta' Jannar, 2019 saret laqgha fejn tkellem ma Pierre Darmanin bhal Direttur ta' MicMar Properties Limited u mas-sieheb tan-negozju tieghu Jean Pierre Attard bhala direttur ta' JP & A Properties Limited (C Reg No C 13483) fejn huma kkonfermaw li kienu l-klijenti.

Fl-istess laqgha staqsihom ukoll x'kienu jghamlu fl-irwol ta' 'Project Supervisor' biex jikkordinaw is-sahha tas-sigurta fuq is-sit fl-assenza ta' 'Project Supervisor' appuntat u jekk kienux ippreparaw il-Pjan tas-Sahha u Sigurta. Huma wiegbu li ma ghamlu xejn minn dan imma assumew li kien ha jiehu hsieb kollox il-kuntrattur. Il-file tas-Sahha u Sigurta ma giex ipprezentat lanqas.

Fi kliem iehro JP & A Properties Limited li gie mitkellem ma l-akkuzat fit-28 ta' Jannar 2019 ukoll ittiehdu proceduri kontrih separatament.

Mal-affidavit gew annessi is-segwenti dokumenti:-

1. Dok A – Ilment f'Email datata 23 ta' Jannar 2019 u ritratt (1) mibghut mal-ilment

2. Dok B – Ritratti (7)
3. Dok C – Email li fiha intbaghtet il-Construction Notification Form
4. Dok D – Construction Notification Form
5. Dok E Kuntratt ta' l-art

**PL Quentin Tanti** xehed nhar l-20 ta' Settembru, 2021 in rappresentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan il-Malta Business Registry u stqarr li kien gie mitlub jaghti informazzjoni dwar is-socjeta kummercjali bl-isem ta' Micmar Properties Limited li ghandha numru ta' registrazzjoni C 600111 specifikament ghar-rigward tal-perijodu fl-2019 u min kienu d-Diretturi fil-jum tal-24 ta' Jannar 2019. Huwa kkonferma li d-diretturi kienu Annabelle Darmanin u Pierre Darmanin. Din l-informazzjoni inghatat a bazi ta' dokument registrat mal-MBA. Id-dokument li gie esebit minnu hu mmarkat bhala dok QT.

**John Azzopardi** xehed nhar it-30 ta' Settembru, 2021 jghid li kien gie nominat bhala Health & Safety Officer u mistoqsi xi kwalifiki ghandu jghid li ghandu University Diploma fil-Health & Safety.

Jghid li kien issottometta Construction Notification Form f'data partikolari. Jghid li xoghlu kien konness ma sit li tinsab fi Triq Spinola San Giljan u kien gie nominat wara li kien gja beda x-xoghol u kien hemm xi stop order. Il-bini kien gja fi stadju avvanzat diga izda ix-xoghol kien gie imwaqqaf mill- ispettur tal- OHSA. Wara li kien nominat hu kien hejja Notification Form, u ghamel Method statement kif kellu jitkompla ix-xoghol tad-demolition.

Spjega li kien il-Perit Jean Pierre Attard li kien qabdu bhala Project Supervisor. Huwa kellu l-emails li jindikaw meta kien dahhal il-karti mal-OHSA u cioe il-method statement u safety plan u n-notification Form. L-istop Order kienet gja harget. Qal li kien gie imqabbad ftit jiem qabel ma dahhal il-karti. Jaf li l-perit kien kelmu fit-22 ta' Jannar, 2019 u huwa iffirma l-karti fl-24 ta' Jannar, 2019. Mistoqsi jekk jistax ikun li l-Health & Safety Officer giex fuq il-post nhar l-24 ta' Jannar 2019 fn'11.45. Jghid li jista

jkun. Qal li jista jkun li lesta id-dokumentazzjoni fi zmien inqas minn saghtejn. Imbaghad l-ghada 25 ta' Jannar l-forma giet emendata biex dahlet ukoll il-firma ta' Pierre Darmanin. Sa dak il-hin kien mgharraf li s-sid kien biss il-Perit Jean Pierre Attard. Kien baghat ukoll si modifika fil-proof of ownership. Din l-email datata 25 ta' Jannar 2019 giet prezentata u markata bhala dok JA. Dik hija l-original li ddahlet ma l-Awtorita izda wara giet emendata ghaliex kien jonqos il-firma ta' Pierre Darmanin. Id-dokument DS 5 huwa il-Construction notification form. Qal li l-ewwel ma kienu iffirmaw id-dokumenti kienu l-Perit Jean Pierre Attard u Albert Attard u wara sar jaf li kien hemm sid iehor u cioe Pierre Darmanin u kien ghalhekk li talbu jiffirma ukoll. Jghid li ma Pierre Darmanin qatt ma iltaqa', dejjem verbalment tkellem mieghu. Fil-fatt meta kien ghamel update tal-formula kien baghat biss is-section D. Mistoqsi ghaliex id-dokument hu firmat jumejn qabel u cioe nhar it 22 ta' Jannar 2019 jghid li ma jafx.

F'Ottubru kien irrizenja u kien hemm zmien twil fejn ma marx xoghol u kien ghad fadal xi haga zghira biss xi jsir pero' x-xoghol kien wieqaf. Muri d-dokument jgharaf il-firma tieghu pero' d-data 22.2019 m'hiex kitba tieghu. Kien hu li mela d-dokument bil-kompjuter. Il-firem gew skanjati u ghaddieh lil OHSA biz-zewg firem u wara ghamel l-emenda fejn ziedu firma ohra. Mistoqsi f'liema perjodu saret l-emenda jghid li jahseb li kien fl-istess jum tal-24 ta' Jannar 2019.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors nhar it-23 ta' Novembru, 2021.

Ikkunsidrat:

Illi bhala fatt jirrizulta li nhar l-24 ta' Jannar 2019 skond ix-xhud Clinton Cachia rappresentant tal-OHSA kienet saret spezzjoni ghall-habta tal-11.45a.m fuq sit ta' kostruzzjoni (fejn kienet waqghet dar) mill-ufficcjali tal-OHSA. Dan is-sit kellu n-numru 84, 85 u 86 Triq Spinola, San Giljan. Clinton Cachia jispjega n-nuqqasijiet li

huwa rriskontra meta mar fuq is-sit in kwistjoni. L-istess Calleja pprezenta numru ta' ritratti li juru s-sit fid-demolizzjoni u minn ezami tal-istess jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet.

L-Ewwel Qorti taghmel referenza ghal kuntratt esebit ma l-affidavit ta' Clinton Cachia fejn fil-fehma taghha jirrizulta li l-proprjeta' hija tas-socjeta MicMar Properties Ltd in solidum ma kumpaniji ohra. Tghid ukoll li d-diretturi tas-socjeta Micmar kienu Pierre u Annabelle Darmanin u ghalhekk skond il-ligi huma meqjusa bhala l-'klijenti'. Jirrizulta ukoll li fuq is-siti 45, 46 u 47 ma kienx gie imqabbad Project Supervisor qabel ma gew inizjati x-xogholijiet izda dan sar wara kif del resto kkonferma John Azzopardi stess. Cachia jghid li huwa rcieva n-notification li gie appuntat project manager saghtejn wara li kien zamm l-ispezzjoni. Ghalhekk skond l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 2018 l-akkuzati ma qabdux project manager u ghalhekk ir-responsabbilita' ta' tali rwol ex lege tigi assunta minnhom bhala klijenti. Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti rabtet ir-responsabbilita tal-akkuzati mal-event dannuz billi stqarret li huma l -propretarji tas-siti li gew demoliti u cioe 84, 85 u 86.

Pero' din il-Qorti fliet dan il-kuntratt redatt, imma Nutar Robert John Muscat nhar it-18 ta' Jannar 2017 u minn ezami tal-istess jirrizulta li s-socjeta' Micmar Properties Limited li taghha l-akkuzati huma Diretturi kienu xtraw sit bin-numru 87 u mhux 84, 85 u 86. Ma hemm l-ebda referenza ghal siti 84, 85 u 86 f'dan il-kuntratt. U ghalhekk il-prosekuzzjoni ghalkemm ipprovat li in effetti verament kien qed isir xoghol ta' demolizzjoni minghajr ma gie imqabbad Project Manager dan kien qed isir f'sit differenti ghall-proprjeta mixtrija mill-akkuzati. Din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti rabtet il-htija tal-akkuzati ma dan il-kuntratt pero bir-rispett kollu dan ma setax jsir ghaliex il-fondi mixtrija huma differenti. Minn imkien ma jirrizulta mill-process min huma s-sidien tal-fondi 84, 85, u 86.

Ghalhekk l-ewwel Qorti bir-rispett kollu ghamlet hazin meta rabtet il-konsiderazzjonijiet taghha ma dan il-kuntratt ghaliex ma jkoprix is-siti mertu tal-kawza. Il-Construction Notification Form kienet tkun prova dwar min huma is-sidien

tas-siti f'kaz li l-prosekuzzjoni naqset li tesebixxi il-kuntratt ta' akkwist pero' peress li ipprezentat dan il-kuntratt hi stess holqot dubbju jekk fil-fatt l-akkuzati humiex is-sidien tal-fondi li gew demoliti jew humiex biss is-sidien tal-fond imsemmi fil-kuntratt mmarkat bhala dok DS 6.

Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk fid-dawl ta' din l-incertezza dwar jekk l-akkuzati humiex verament is-sidien tal-fondi li gew demoliti, dik il-Qorti ma setghetx issib lill-akkuzati hatja. Ghalhekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed 'safe u satisfactory' u ghalhekk fid-dawl ta' dak espost, din il-Qorti qeghda tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti u tillibera lill-akkuzati minn kull imputazzjoni u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur